# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/446

## tad-19 ta' Marzu 2019

## li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) Il-prodotti importati minn pajjiż terz jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni bħala prodotti organiċi jekk ikunu koperti minn ċertifikat ta' spezzjoni maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti, mill-awtoritajiet tal-kontroll jew mill-korpi tal-kontroll ta' pajjiż terz rikonoxxut jew minn awtorità tal-kontroll rikonoxxuta jew minn korp tal-kontroll rikonoxxut. B'konformità mal-Azzjoni 12 tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Produzzjoni Organika tal-Unjoni Ewropea fiż-żmien li ġej ([2]), il-Kummissjoni żviluppat sistema ta' ċertifikazzjoni elettronika għall-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi, bħala modulu integrat fis-sistema elettronika TRACES (Trade Control and Expert System) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE ([3]). Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-sistema taċ-ċertifikazzjoni elettronika, għall-finijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ([4]) jixraq li fit-TRACES jintuża s-siġill elettroniku kwalifikat għall-approvazzjoni taċ-ċertifikati ta' spezzjoni.

(2) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika tal-prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(3) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Awstralja, l-indirizz tal-Internet tal-awtorità kompetenti tagħha nbidel. Barra minn hekk, inbidlu l-ismijiet tal-korpi tal-kontroll "Australian Certified Organic Pty. Ltd" u "NASAA Certified Organic (NCO)".

(4) Skont l-informazzjoni pprovduta miċ-Ċilì, "ARGENCERT" mhuwiex rikonoxxut mill-awtoritajiet Ċileni bħala korp tal-kontroll u għalhekk jenħtieġ li jitħassar mil-lista. L-isem ta' "BIO CERTIFICADORA SERVICIOS LIMITADA" inbidel.

(5) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet tal-kontroll u tal-korpi tal-kontroll li għandhom il-kompetenza jwettqu kontrolli u joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini tal-ekwivalenza.

(6) "BAŞAK Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd." innotifika lill-Kummissjoni li l-indirizz tiegħu nbidel.

(7) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "CCPB Srl" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent ta' dan il-korp għall-kategorija tal-prodotti A għall-Benin, għall-Kosta tal-Avorju u għat-Togo, għall-kategorija tal-prodotti D għall-Vjetnam u għall-kategoriji tal-prodotti D u E għas-Seychelles u għal Hong Kong.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
([2]) COM(2014) 179 final.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u komputerizzata (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 44).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

(8) Il-Kummissjoni wettqet investigazzjonijiet dwar suspetti ta' irregolaritajiet fir-rigward ta' diversi lottijiet ta' prodotti mill-Każakistan, mill-Moldova, mir-Russja, mit-Turkija u mill-Emirati Għarab Magħquda li kienu ċċertifikati bħala organiċi minn "Control Union Certifications". "Control Union Certifications" ma pprovdiex tweġibiet konklużivi u f'waqthom għad-diversi talbiet għall-informazzjoni li għamlet il-Kummissjoni. Barra minn hekk, "Control Union Certifications" naqas milli juri t-traċċabilità u l-istatus organiku ta' dawk il-prodotti. Minbarra dan, "Control Union Certifications" ħareġ ċertifikat ta' spezzjoni għal prodotti li l-istatus tagħhom qabel kien tbaxxa għal status konvenzjonali mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru minħabba r-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirtira r-rikonoxximent ta' "Control Union Certifications" skont il-punti (c), (d) u (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għall-kategoriji tal-prodotti kollha fir-rigward tal-Każakistan, tal-Moldova, tar-Russja, tat-Turkija u tal-Emirati Għarab Magħquda. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-annotazzjonijiet relatati ma' dawk il-pajjiżi jitħassru mil-lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għal "Control Union Certifications".

(9) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Ecocert SA" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent ta' dan il-korp għall-kategorija tal-prodotti D għall-Kosovo.

(10) Il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand "Florida Certified Organic Growers and Consumers, Inc. (FOG), DBA as Quality Certification Services (QCS)" biex tibdel l-indirizz tiegħu.

(11) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "IBD Certificações Ltda" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent ta' dan il-korp għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Kolombja, għall-Ekwador u għall-Perù.

(12) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Organización Internacional Agropecuaria" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent ta' dan il-korp għall-kategoriji tal-prodotti A u D għar-Russja u għall-kategorija tal-prodotti E għall-Arġentina.

(13) "Organska Kontrola" u "Quality Assurance International" innotifikaw lill-Kummissjoni li l-indirizzi tagħhom inbidlu.

(14) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/39 ([5]) jirreferi b'mod żbaljat għal "Letis S.A." bħala korp tal-kontroll rikonoxxut għall-kategorija tal-prodotti B fir-rigward tal-Belize, tal-Brażil, tal-Kolombja, tal-Costa Rica, tar-Repubblika Dominicana, tal-Gwatemala, tal-Honduras, tal-Panama u ta' El Salvador. Jeħtieġ li dak l-iżball jiġi kkoreġut.

(15) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/39 jirreferi wkoll b'mod żbaljat għal "Organic Control System" bħala korp tal-kontroll rikonoxxut għall-kategorija tal-prodotti E fir-rigward tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq. Jeħtieġ li dak l-iżball ukoll jiġi kkoreġut.

(16) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(17) Jenħtieġ li t-tħassir tar-rikonoxximent ta' "Letis S.A." għall-kategorija tal-prodotti B fir-rigward tal-Belize, tal-Brażil, tal-Kolombja, tal-Costa Rica, tar-Repubblika Dominicana, tal-Gwatemala, tal-Honduras, tal-Panama u ta' El Salvador, u t-tħassir tar-rikonoxximent ta' "Organic Control System" għall-kategorija tal-prodotti E fir-rigward tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq japplikaw b'mod retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/39.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-produzzjoni organika,

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/39 tal-10 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 106).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Iċ-ċertifikat oriġinali ta' spezzjoni għandu jkun kopja stampata u ffirmata bl-idejn taċ-ċertifikat elettroniku komplut fit-TRACES jew, alternattivament, ċertifikat ta' spezzjoni ffirmat fit-TRACES b'siġill elettroniku kwalifikat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).";

(2) l-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) l-Anness IV huwa emendat u kkoreġut skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (7) u (8) tal-Anness II għandhom japplikaw mill-31 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-annotazzjoni għall-**Awstralja** hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 4, l-indirizz tal-Internet huwa sostitwit b'dan li ġej: "http://www.agriculture.gov.au/";

(b) fil-punt 5, ir-ringieli tan-numri tal-kodiċi AU-BIO-001 u AU-BIO-004 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "AU-BIO-001 | ACO Certification Ltd | www.aco.net.au |
| AU-BIO-004 | NASAA Certified Organic | www.nasaa.com.au" |

(2) fl-annotazzjoni għac-**Ċili**, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) titħassar ir-ringiela tan-numru tal-kodiċi CL-BIO-004;

(b) ir-ringiela tan-numru tal-kodiċi CL-BIO-010 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "CL-BIO-010 | BIO CERTIFICADORA SERVICIOS LIMITADA O BIOAUDITA | https://www.bioaudita.cl" |

*ANNESS II*

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) fl-annotazzjoni għal **"Başak Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd"**, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Indirizz: Atatürk Mahallesi 1014. Sokak No:21 D:1, 35920 Selçuk/IZMIR, it-Turkija";

(2) fl-annotazzjoni għal **"CCPB Srl"**, fil-punt 3 jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "BJ-BIO-102 | Il-Benin | x | — | — | — | — | — |
| CI-BIO-102 | Il-Kosta tal-Avorju | x | — | — | — | — | — |
| HK-BIO-102 | Hong Kong | — | — | — | x | x | — |
| SC-BIO-102 | Is-Seychelles | — | — | — | x | x | — |
| TG-BIO-102 | It-Togo | x | — | — | — | — | — |
| VN-BIO-102 | Il-Vjetnam | — | — | — | x | — | —" |

(3) fl-annotazzjoni għal **"Control Union Certifications"**, fil-punt 3 jitħassru r-ringieli li ġejjin:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "AE-BIO-149 | L-Emirati Għarab Magħquda | x | x | x | x | x | x |
| KZ-BIO-149 | Il-Każakistan | x | x | x | x | x | x |
| MD-BIO-149 | Il-Moldova | x | x | x | x | x | x |
| RU-BIO-149 | Ir-Russja | x | x | x | x | x | x |
| TR-BIO-149 | It-Turkija | x | x | x | x | x | x" |

(4) fl-annotazzjoni għal **"Ecocert SA"**, fil-punt 3 tiddaħħal ir-ringiela li ġejja skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "XK-BIO-154 | Il-Kosovo | — | — | — | x | — | —" |

(5) fl-annotazzjoni għal **"Florida Certified Organic Growers and Consumers, Inc. (FOG), DBA as Quality Certification Services (QCS)"**, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Indirizz: 5700 SW 34th st, suite 349, Gainesville, FL 32608, l-Istati Uniti";

(6) fl-annotazzjoni għal **"IBD Certificações Ltda"**, fil-punt 3 jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "CO-BIO-122 | Il-Kolombja | x | — | — | x | — | — |
| EC-BIO-122 | L-Ekwador | x | — | — | x | — | — |
| PE-BIO-122 | Il-Perù | x | — | — | x | — | —" |

(7) fl-annotazzjoni għal **"Letis S.A."**, fil-punt 3, fir-ringieli għall-Belize, għall-Brażil, għall-Kolombja, għall-Costa Rica, għar-Repubblika Dominicana, għall-Gwatemala, għall-Honduras, għall-Panama u għal El Salvador jitħassar is-salib fil-kolonna B;

(8) fl-annotazzjoni għal **"Organic Control System"**, fil-punt 3, fir-ringiela għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq jitħassar is-salib fil-kolonna E;

(9) fl-annotazzjoni għal **"Organización Internacional Agropecuaria"**, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "RU-BIO-110 | Ir-Russja | x | — | — | x | — | —" |

(b) fir-ringiela għall-Arġentina jiżdied salib fil-kolonna E;

(10) fl-annotazzjoni għal **"Organska Kontrola"**, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Indirizz: Kranjčevićeva 15, 71 000 Sarajevo, il-Bożnija-Ħerzegovina";

(11) fl-annotazzjoni għal **"Quality Assurance International"**, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Indirizz: 4370 La Jolla Village Drive, Suite 300, San Diego, CA 92122, l-Istati Uniti.".